MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 49/2005

**Carmen mart Edwin Pace u Maria mart Consiglio Mamo**

**vs**

**Angelo Attard u Giuseppa mart Francesco Caruana**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fl-20 ta' Jannar, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi l-kontendenti huma lkoll ahwa, ulied il-mejtin Paolo Attard u Nicolina nee Farrugia;

Illi l-imsemmija Nicolina Attard mietet fid-9 ta' Lulju 2004 ("Dok A") u bis-sahha ta' l-ahhar testament taghha fl-atti tan-nutar Mark Anthony Sammut tas-16 ta' Dicembru

2002 (“Dok. B”), hija istitwiet lill-konvenuti bhala l-unici eredi universali taghha;

Illi inoltre bis-sahha tat-tieni artikolu tal-istess testament, il-konvenuti thallew b’titolu ta’ prelegat, il-fond numru hdax (11), Triq San Mikiel, Mqabba, gja numru hamsa u ghoxrin (25), Triq San Bazilju, Sqaq numru wiehed (1), Mqabba;

Illi bl-istess testament id-decujus innominat bhala ezekuturi testamentarji kongjunti taghha, lin-nutar Mark Anthony Sammut, u l-konvenut Angelo Attard;

Illi min-naha l-ohra, l-istess testament jiddisponi li l-atturi huma intitolati biss ghall-‘legittima porzjon skond il-Ligi”;

Illi d-decujus iddisponiet ukoll illi in sodisfazzjon tal-legittima dovuta lill-atturi, “qeghda thallilhom kwart (¼) indiviz kull wahda minnhom minn sehma mill-immobbli urbani, ossija eskluz kull immobbli agrikolu, ossia raba, provenjenti mill-wirt ta’ missier it-testatrici”;

Illi l-atturi ghamlu d-debita ricerka sabiex jistabbilixxu x’jikkomprendi “l-immobbli urban provenjenti mill-wirt ta’ missier it-testatrici”, u rrizulta illi ghajr ghal ¼ indiviz mill-utli dominju temporanju tal-fond numru erbgha (4), Alley 1, Triq il-Parrocca, Mqabba, ma fadal xejn;

Illi l-porzjon spettanti lill-atturi skond il-Ligi, kif dispost fit-testment (“Dok. B”), hija ta’ parti minn tnax (1/12) kull wahda mill-asse tad-decujus, stante li kienu erbat itfal;

Illi r-rimanenti “immobbli” urban derivanti mill-wirt ta’ missier id-decujus (¼ indiviz mill-utli dominju temporanju tal-fond numru erbgha (4), Alley numru wiehed (1), Triq il-Parrocca, Mqabba), bl-ebda mod ma jista iservi sabiex jissodisfa l-legittima spettanti lill-atturi (li ghandha tammonta ghal zewg parti minn tnax (2/12) tal-eredita ta’ Nicolina Attard);

Illi l-atturi kienu ghamlu d-debita ricerka, u anke talbu lill-konenuti biex jindikaw x’proporjeta ohra tezisti, u fil-fatt

jirrizulta li ma jezisti l-ebda immobbli urban iehor mill-eredita ta' missier it-testatrici;

Illi ghalhekk huwa assolutament impossibbli li jinghata effett it-tielet artikolu tat-testment imsemmi;

Illi madanakollu, ghalkemm il-legitima ma tistax tinghata mill-immobbli urban derivanti mill-wirt ta' missier it-testarici, id-disposizzjoni relativa xorta ghadha valida u ghandha tinghata effett, in kwantu l-atturi xorta ghadhom intitolati ghall-legittima skond il-Ligi (zewg parti minn tnax (2/12) tal-eredita ta' Nicolina Attard);

Illi l-legittima hija protetta u ghandha tinghata lil min hu intitolat ghaliha l-ewwel u qabel kollox, inkluz qabel kwalsiasi legat imholli;

Illi jirrizulta illi l-uniku assi formanti parti mill-wirt ta' Nicolina Attard, u li jista jissodisfa l-legittima spettanti lill-atturi, huwa appuntu d-dar li thalliet lill-konvenuti b'titolu ta' prelegat, u cioe' il-fond numru hdax (11), Triq San Mikiel Mqabba, gja numru hamsa u ghoxrin (25), Triq San Bazilju, Sqaq numru wiehed (1), Mqabba:

Illi kwalsiasi bejgh, wieghda ta' bejgh, trasferiment, u / jew koncessjoni bi kwalsiasi titolu, b'mod oneruz jew gratuwitu, koncernanti din il-proprjeta sejjer jikkomprometti lill-atturi;

Illi bl-istess mod, l-immissjoni fil-pussess tal-istess dar li tista' talvolta ssir mill-eredi lill-konvenuti qua legatarji, sejjer jippregudika lill-atturi serjament, stante li jekk kemm-il darba dan isehh qabel ma jiehdu sehemhom, ma jkunx fadal aktar assi li minnu tista tigi sodisfatta l-legittima taghhom;

Illi ghalkemm l-atturi informaw lill-konvenuti b'dan kollu, u talbuhom ma jiddisponux mill-imsemmija dar, u jikkonservawha sabiex din tkun tista taghmel tajjeb ghall-legittima spettanti lilhom, il-konvenuti urew li ma tawx kaz din is-sejha stante li baqghu juruha lil terzi b'mod regolari sabiex tinbiegh;

Illi sa illum l-atturi ma inghatawx sehemhom (legittima) mill-wirt tal-mama taghhom;

Illi in vista tal-premess, l-atturi kienu kostretti jitolbu, u fil-fatt ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 2286/04 ("Dok. C") kontra l-konvenuti, li ghalhekk prezentement jinsabu mizmuma milli jiddisponu mill-fond numru hdax (11), Triq San Mikiel Mqabba;

Talbu lill-konvenut jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara qabel xejn, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, li s-sehem tat-testatrici mill-immobbli urbani provenjenti mill-wirt ta' missierha, ma jservix biex jissodisfa l-legittima imhollija u spettanti lill-atturi;
(2) Tiddikjara inoltre li l-asse <u>kollu</u> tat-testatrici, inkluz il-fond imholli b'titolu ta' prelgat lill-konvenuti (11, Triq San Mikiel, Mqabba gja 25, Triq San Bazilju, Sqaq numru 1, Mqabba), ghandu jittiehed in konsiderazzjoni biex jigi stabbilit il-valur tal-legittima spettanti lill-atturi;
(3) Tiddikjara illi, sakemm tinghata l-legittima lill-atturi skond il-Ligi, l-asse kollu tat-testatrici ghandu jigi konservat, u konsegwentement tordna li ebda asse taghha, u b'mod partikolari il-fond numru hdax (11), Triq San Mikiel Mqabba, ma jigi trasferit moghti jew assenjat, taht kwalsiasi titolu;
(4) Prevja kull dikjarazzjoni koncernanti l-kwoti rispettivi spettanti lill-atturi, tordna lill-konvenuti sabiex in ottempranza tat-testment ("Dok. B") jaghtu lill-atturi s-sehem spettanti lilhom, ossia l-legittima skond il-Ligi;
(5) Tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni numru 2286/04 fl-ismijiet Carmen Pace et vs Angelo Attard et, fis-sens li tinibixxi definittivament lill-konvenuti milli jbieghu, jittrasferixxu, jiddisponu, jikkoncedu, u jwieghdu lil terzi, taht kwalsiasi titolu, b'mod oneruz jew gratuwitu, kif ukoll milli jimmettu fil-pussess u / jew jikkonsenjaw, il-fond fl-Imqabba, Triq San Mikiel, numru hdax (11), gja hamsa u ghoxrin (25), Triq San Bazilju, Sqaq numru wiehed (1);

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2286/04, kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti

ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ta' danni talvolta spettanti lill-atturi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Giuseppa mart Francesco Caruana li *in forza* taghha hija ecceppiet :

1. Illi l-atturi m'ghandhomx dritt li jitolbu l-legittima u ma joqghodux ghat-testment ghaliex huma diga ghamlu atti ta' eredi.
2. Illi t-talba hija intempestiva stante li ghadu ma giex konfermat l-esekutur testamentarju.
3. Illi fil-kompitu tal-legittima ghandhom jitqiesu s-servigi resi mill-konvenuta u minn huwa Angelo Attard lid-decuius stante li favur taghhom sar legat rimuneratorju.
4. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Inoltre fi kwalunkwe kaz, iridu jigu regolati skond l-emendi li ghandhom jidhlu fl-effett mill-1 ta' Marzu, 2005, li radikalment ibiddlu n-natura tal-legittima.
5. Illi konsegwentement it-talbiet dwar il-mandat ta' inibizzjoni ghandhom jigu michuda, ghaliex sakemm tkun qed tibda s-smiegh din l-Qorti, il-legittima hija biss kreditu u mhux aktar pars bonorum kif kienet regolata s'issa.
6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Angelo Attard li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-atturi m'ghandhomx dritt li jitolbu l-legittima u ma joqghodux ghat-testment ghaliex huma diga ghamlu atti ta' eredi.
2. Illi t-talba hija intempestiva stante li ghadu ma giex konfermat l-esekutur testamentarju.
3. Illi fil-kompitu tal-legittima ghandhom jitqiesu s-servigi resi mill-konvenut u minn ohtu Giuseppa Caruana stante li favur taghhom sar legat rimuneratorju.
4. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Inoltre fi kwalunkwe kaz, iridu jigu regolati skond l-emendi li dahlu fis-sehh mill-1 ta' Marzu li radikalment ibiddlu n-natura tal-legittima.
5. Illi konsegwentement it-talbiet dwar il-mandat ta' inibizzjoni ghanhom jigu michuda, ghaliex sakemm tkun

qed tibda is-smiegh din il-Qorti l-legittima hija biss kreditu u mhux aktar pars bonorum kif kienet regolata s'issa.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-affidavits illi gew ipprezentati mill-partijiet;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti tas-17 ta' Jannar 2007;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi tat-2 ta' Frar, 2007;

Rat illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Ikkunsidrat :

Illi l-atturi ipprezentaw il-kawza odjerna wara illi ommhom Nicolina Attard illi mietet fid-9 ta' Lulju 2004 ghamlet testment li permezz tieghu istitwiet lill-konvenuti bhala l-unici eredi universali taghha u halliet lill-atturi l-legittima, b'dana illi fit-testment taghha id-decujus iddisponiet illi l-atturi, in sodisfazzjon tal-legittima dovuta lilhom, kellhom jiehdu kwart indiviz kull wahda minnhom minn sehem id-decujus mill-immobbli urbani, ossija eskluz kull immobbli agrikolu, ossia raba, provenjenti mill-wirt ta' missier it-testatrici.

Illi "in poche parole" l-atturi jikkontendu illi wara li huma ghamlu d-debita verifika irrizultalhom illi l-legittima taghhom ma tistax tinghatalhom mill-immobbli urbani derivanti mill-wirt ta' missier it-testatrici kif iddisponiet l-istess testatrici u ghalhekk talbu lill-Qorti sabiex tiddikjara inter alia illi s-sehem tat-testatrici mill-immobbli urbani provenjenti mill-wirt ta' missierha, ma jservix biex jissodisfa l-legittima imhollija u spettanti lilhom.

Illi l-atturi talbu illi l-asse kollu tat-testatrici, inkluz il-fond imholli b'titolu ta' prelgat lill-konvenuti, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni biex jigi stabbilit il-valur tal-legittima spettanti lilhom.

Illi l-atturi talbu ukoll illi l-konvenuti jaghtu lilhom, is-sehem spettanti lilhom, ossia l-legittima skond il-Ligi.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi l-atturi ma kellhomx dritt li jitolbu l-legittima u ma joqghodux ghat-testment ghaliex huma diga ghamlu atti ta' eredi.

Ikkunsidrat :

Illi wara li ezaminat l-affidavits ipprezentati mill-partijiet jirrizulta illi l-atturi u l-konvenuti kienu iltaqghu fid-dar tal-mejta ommhom wara l-mewt ta' ommhom u kienu hadu xi tlett mitt lira (LM 300) cirka in kontanti kull wiehed minnhom u kienu wkoll hadu xi ghamara mid-dar ta' ommhom.

Illi ghalhekk il-konvenuti jikkontendu illi meta l-atturi accettaw l-flus u l-ghamara, jew vazun li fil-fatt hadu mid-dar ta' ommhom huma ghamlu att ta' eredi u ghalhekk issa iridu joqghodu ghat-testment u ma ghandhomx id-dritt illi jitolbu l-legittima.

Illi l-Qorti intalbet sabiex tiddeciedi din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat :

Illi in sostenn ta' l-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti esibew kopja ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Settembru 1985 fl-ismijiet Lorenza Cauchi vs Carmelo Cilia et.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ezaminat din is-sentenza prodotta mill-konvenuti u tara illi l-fatti speci taghha ma jaqbu xejn ma dawk odjerni.  Effettivament fil-kawza fuq citata l-attrici kienet

intentat azzjoni ghad-divizzjoni u likwidazzjoni tal-wirt bhala eredi, umbaghad biddlet fehmtha u biddlet l-azzjoni taghha b'ohra. Hija kienet ipprezentat nota ta' cessjoni fil-kawza l-ohra, izda ghamlet dan diversi xhur wara li intavolat it-tieni kawza.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz odjern ic-cirkostanzi u l-fatti huma totalment differenti. Hawnhekk l-atturi mhumiex qeghdin jirrinunzjaw ghall-eredita. Anzi huma qeghdin jippretendu u jitolbu lill-Qorti sabiex tara illi d-disposizzjonijiet tat-testment ta' ommhom jittwetqu u sincerament il-Qorti ma tistax tifhem kif din l-azzjoni intentata mill-atturi tista qatt tigi interpretata bhala rinunzja ghall-wirt. L-atturi odjerni mhumiex il-werrieta universali ta' ommhom ghaliex dawn huma l-konvenuti skond it-testment li jinsab esebit a fol 8 u 9 tal-process. Skond l-imsemmi testament u precizament fit-Tielet Artikolu ta' dan it-testment it-testatrici halliet lill-atturi il-legittima porzjon skond il-ligi. Izda it-testment kompla jghid hekk : "u in soddisfazzjon ta' din il-porzjon qieghda thallilhom kwart (¼) indiviz kull wahda minnhom minn sehemha mill-immobbli urbani, ossija eskluz kull immobbli agrikolu, ossija raba', provenjenti mill-wirt ta' missier it-testatrici." Issa l-atturi qeghdin jikkontendu li wara li ghamlu d-debita ricerka jirrizultalhom illi jekk huma jiehdu biss dan il-kwart indiviz kull wahda minnhom minn sehem ommhom mill-immobbli urbani imsemmi fit-testment dan mhux ser ikun bizzejjed sabiex jissodisfa d-dritt taghhom ghall-legittima porzjon skond il-Ligi.

Illi l-Qorti tara illi din l-azzjoni bl-ebda mod ma tista titqies illi hija wahda ta' rinunzja ghall-wirt. Kif diga intqal, l-atturi mhumiex il-werrieta universali ghaliex dawn huma l-konvenuti. L-atturi thallietilhom biss il-legittima skond il-Ligi u huma iridu u jippretendu illi l-legittima illi jiehdu effettivament tkun kif trid il-Ligi.

Illi l-Artikolu 616 tal-Kap. 16 jitkellem kif gej fis-subartikolu (1) tieghu :

“Il-legittima tat-tfal legittimi, jew ta’ tfal legittimati biz-zwieg li jsir wara, jew ta’ tfal adottivi hija terz tal-beni tal-mejjet jekk dawk it-tfal ma jkunux izjed minn erbgha, jew in-nofs ta’ dawk il-beni jekk ikunu hamsa jew izjed.”

Illi kwindi isegwi illi l-legittima trid tinghata mill-beni tal-mejjet. Izda l-atturi qeghdin jikkontendu illi s-sehem li hallietilhom ommhom fit-testment sabiex jissodisfa il-legittima taghhom effettivament ma jissodisfax il-legittima kif trid il-Ligi u din l-azzjoni intentata minnhom bl-ebda mod ma tfisser li qeghdin jirrinunzjaw ghall-wirt u li ma jridux joqghodu ghat-testment. Anzi huma iridu joqghodu ghall-wirt, qeghdin jaccettaw il-fatt li mhumiex eredi universali ghaliex dawn huma l-konvenuti u mhux huma u jippretendu biss illi jinghata lilhom il-legittima kif trid il-Ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------